MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 24/2008

**Avviz Numru 24/2008**

Anthony Camilleri u martu Marlene Camilleri, u b'digriet tat-30 ta' Marzu 2010, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Clint u Francesca xebba, ahwa Camilleri stante li l-attur Anthony Camilleri miet fil-mori tal-kawza

vs

APS Bank Ltd.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fl-24 ta' Lulju 2008, li jghid hekk :-

'L-attur iddepozita f'erbgha okkazjonijiet inkluz darba depozitu *cash* f'kaxxa li kienet fil-branch ta' l-APS Bank fi Triq It-Tigrija, Rabat, Ghawdex, li kienet fejn l-ATM ta' l-istess bank u li din il-kaxxa l-attur hasibha li hija tad-depozitu, giet identifikata wara bhala *litter bin* bil-

konsegwenza li l-attur lahaq ddepozita elf erbgha mija u tmenin Euro (€1480) f'din il-kaxxa, u li l-bank konvenut ghalkemm interpellat biex jirrifondi dan l-ammont lill-attur, naqas li jaghmel dan.

Bl-ispejjez inkluzi dik tal-ittra legali datata l-31 ta' Mejju 2008.' ;

Il-konvenut permezz tar-risposta tieghu pprezentata fl-4 ta' Settembru 2008, eccepixxa :-

'Illi l-Bank konvenut mhuwiex responsabbli ghall-agir negligenti ta' l-atturi ;

It-talbiet kollha ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi ;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.'

Sama' l-provi ;

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Mill-fatti prodotti f'dan il-kaz jirrizultaw dawn il-fatti saljenti :-

- L-attur Anthony Camilleri kien prokuratur ta' huh imsiefer Eugenio Camilleri ;

- Dan Eugenio Camilleri ghandu kont flimkien ma' martu fil-Bank APS Bank Ltd. li jgib in-numru 12296230010, u fih l-attur kien jiddepozita regolarment flus kemm f'cekkijiet kif ukoll fi flus kontanti ;

- Ghall-heffa u biex jiskansa milli joqghod fil-kju', l-attur kien beda jiddepozita l-flus fis-*safe deposit box* tal-Bank li kien hemm fuq in-naha ta' barra tal-Bank billi jpoggi l-flus kontanti u cekkijiet f'envelop issiggillat provdut

mill-Bank u jitfghu fil-magna. Ftit jiem wara mbaghad kien jircievi rendikont aggornat tal-kont bl-entrata tad-depozitu tal-flus li jkun ghamel ;

- Illi l-attur kien ilu jaghmel uzu mis-*safe deposit box* ghal xi snin ;

- Gara li meta l-Bank kien qed jirranga l-post minn fejn jopera fi Triq Ta' Taht Putirjal, ir-Rabat, Ghawdex, kien beda jopera temporanjament minn post iehor fi Triq Ir-Repubblika, ir-Rabat, Ghawdex ;

- L-attur kien mar u ddepozita f'kaxxa tal-metall il-flus u c-cekkijiet li kellu. Din il-kaxxa tal-metall kienet magenb il-magna tal-ATM. Fuqha ma kien hemm indikat xejn ghal xhiex kienet isservi din il-kaxxa. Huwa kien haseb, anzi' fi kliemu stess kien 'assuma' li din kienet is-*safe deposit box* li l-Bank kien ghamel provvizorjament fuq in-naha ta' barra tal-bank biex jinqeda l-pubbliku. L-ewwel depozitu li ghamel f'din il-kaxxa fil-fergha tal-Bank ta' Triq Ir-Repubblika, ir-Rabat, Ghawdex, kien ghamlu fis-sebgha (7) jew fit-(8) ta' Frar 2008, bl-ammont ta' xi €1470 jew €1480. Dawn kienu fi flus kontanti. Xi gimgha wara kien ghamel depozitu iehor tal-flus ta' €396 b'cekk. Ghall-habta ta' nofs Frar 2008, l-attur kien ghamel depozitu iehor ta' €277 b'cekk, u ghall-ahhar ta' Frar 2008, kien ghamel depozitu iehor ta' €311 b'cekk ukoll ;

- L-attur ma ndenjax ruhhu jivverifika f'ebda wahda minn dawn l-erbgha okkazjonijiet jekk il-flus kienux dahlu fil-kont lanqas wara li kienu ghaddew il-granet u kien baqa' ma rcieva ebda rendikont mill-Bank, jekk kienux dahhlu fil-kont jew le, kif soltu kien jircievi wara ftit jiem li kien ikun sar id-depozitu. Minkejja li kien mar il-Bank fit-12 ta' Frar 2008, u ghamel depozitu ta' US$3650 direttament fil-kont, l-attur baqa' lanqas ma ndenja ruhhu li jivverifika jekk iz-zewg depoziti tal-flus li kien iddepozita fis-*safe deposit box* xi jiem qabel kienux dahhlu fil-kont jew le ;

- L-ahhar depozitu li l-attur kien ghamel fis-*safe depsit box* tal-Bank meta kien ghadu fil-fergha ta' Triq Ta' Taht

Putirjal, ir-Rabat, Ghawdex, kien fid-19 ta' Jannar 2008. Fil-frattemp il-Bank kien bidel il-*premises* minn fejn kellu jopera temporanjament sakemm saru x-xogholijiet fil-fergha tal-Bank li hemm fi Triq Ta' Taht Putirjal, ir-Rabat, Ghawdex ;

- Kien wara xi zmien li l-attur kien ircieva statement ta' xi kont iehor li fih kien ukoll ghamel depozitu ta' flus fis-*safe deposit box* in kwistjoni, u kien sab li dan id-depozitu ma kienx dahal u kien imbaghad mar u ghamel il-verifiki tieghu fejn kien sab li mid-depoziti tal-flus li kien ghamel f'din is-*safe deposit box* ma kienux dahlu fil-kont. Minn dawn il-verifiki kien irrizulta li s-*safe deposit box* kienet tifforma parti mill-magna tal-ATM il-gdida li kienet giet installata fil-fergha li kienet infethet temporanjament mill-Bank fi Triq Ir-Repubblika, ir-Rabat, Ghawdex, u li kienet tithadem permezz ta' *security card*, u l-kaxxa tal-metall li fiha l-attur kien tefa' l-flus kull ma kienet *litter bin* ;

Dan hu kaz li jista' jigi deskritt bhala *comedy of errors*. Mill-qari tat-talba kif kompliet tigi mfissra f'aktar dettel fid-depozizzjoni tal-attur hu evidenti li l-bazi tal-azzjoni tal-attur hi li qed jippretendi li l-Bank konvenut jaghmel tajjeb ghat-traskuragni u l-izbalji tal-attur stess ;

Mhux kontestat li l-attur kellu esperjenza ta' kif tahdem *safe deposit box* u s-sigurta' li din il-magna jkollha biex tassigura l-harsien tal-flus li jintefghu mill-klijenti tal-Bank li jaghmlu uzu minn dan is-servizz. Fil-fatt kien l-attur stess li kkonferma li kien jaghmel uzu minn dan is-servizz b'mod regolari meta l-Bank kien jopera mill-fergha li hemm fi Triq Ta' Taht Putirjal, ir-Rabat, Ghawdex, u qatt ma kellu ebda problemi. Ghalkemm is-*safe deposit box* li giet installata fil-fergha li l-Bank kien fetah temporanjament fi Triq Ir-Repubblika, ir-Rabat, Ghawdex, ma kenitx l-istess wahda li kien hemm fil-fergha ta' Triq Ta' Taht Putirjal, certament li r-raguni u s-sens komun kellhom jiddettawlu lill-attur li l-kaxxa tal-metal li twahhlet bhala *litter bin* ghar-rimi' tal-ircevuti tal-magna ATM u li l-attur assuma li kienet s-*safe deposit box*, ma kenitx sikura bizzejjed biex fiha jigu depozitati l-flus. Mhux talli dan ma giehx f'mohhu lill-attur meta ra li din il-kaxxa ma kenitx l-istess bhal magna li fiha

soltu kien jiddepozita l-flus, izda talli baqa' jitfa' l-flus fiha bla ma ndenja ruhhu li jistaqsi lil xi mpjegat tal-Bank jekk dik il-kaxxa fejn kien qed jitfa' l-flus kenitx is-*safe deposit box* jew le, u bla ma lanqas indenja ruhhu jivverifika mal-Bank jekk id-depoziti tal-flus li kien ghamel kienux dahhlu fil-kont. Jirrizulta li wara li l-attur kien lahaq ghamel zewg depoziti tal-flus f'din il-kaxxa tal-metall kien hemm darba li l-attur kien mar il-Bank personalment u ddepozita xi flus direttament fil-kont ta' huh u lanqas biss ma ndenja ruhhu jivverifika jekk dawn iz-zewg depoziti ta' flus li kien tefa' fil-kaxxa tal-metall xi jiem qabel kienux dahhlu fil-kont. Il-konvenut wera nuqqas gravi fl-agir tieghu, u fil-fehma ta' dan it-Tribunal jahti ghal dik li tissejjah *culpa lata* l-ghaliex ma kien imissu qatt fada b'dak il-mod kif ghamel meta c-cirkostanzi kienu jindikaw mod iehor, u dan it-Tribunal ma jistax jikkondona l-komportament kolpuz tal-attur ;

Illi l-Kodici taghna ma jipprovdi l-ebda definizzjoni tal-"kolpa". B'danakollu ma jonqosx milli jippreciza li "jitqies fil-htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja" (Art 1032(1), Kodici Civili). Dan ragjonevolment ifisser illi wiehed jehtieg jikkollega l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta' diligenza mar-rekwizit tal-prevedibilita` ta' l-event dannuz. "Prevedibilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili" (Kollez **Vol XLVIII.i.258**) [Qorti Tal-Appell (Sede Inferjuri), **Biagio Muscat vs Anthony Falzon et**, 12 ta' Mejju 2003] ;

Ma jistax ikun ghalhekk li l-attur jippretendi li l-Bank ghandu jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas ta' dilgenza u traskuragni lampanti tieghu, u kien gustifikat il-Bank li rrifjuta li jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas tal-attur, u l-attur ma kienx gustifikat fil-pretensjoni tieghu ;

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a), u 13(b) tal-Kap.380, u l-artikolu 1032(1) tal-Kap.16 ;

Jiddeciedi ghaldaqstant billi filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Bank konvenut, jichad it-talba tal-attur, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------